**13 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Grazio Dalli

**Kontravvenzjoni — Impjegat — Ubbidjenza.**

*Jekk l-impjegat jaġixxi in ubbidjenza tal-ordni tal-prinċipal tiegħu, dan is-sempliċi fatt ma hux fih innifsu skriminanti jekk l-eżekuzzjoni ta' dak l-ordni tammonta għal kontravvenzjoni; imma jekk l-ordni ma hux manifestament illegali, allura l-eżistenza tiegħu tista' teskludi l-"mens rea". B'mod illi, jekk l-impjegat, fuq ordni tal-prinċipal tiegħu, jagħmel ħaġa li tirrikjedi l-permess tal-awtorità meta dak il-permess ma kienx hemm, imma hu kellu raġun jaħseb illi l-prinċipal tiegħu kellu dak il-permess biex issir dik il-ħaġa, l-impjegat mhux ħati tal-kontravvenzjoni li fil-fatt ġiet kommessa.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fid-29 ta' Ottubru 1959, għal xi t-3 p.m., ħalla li jixxerdu ħwejjeġ li jagħmlu d-deni u li jintnu f'Buġibba Road, St. Paul's Bay, b'daqshekk għamilha mdellka u tiżloq, u ġarr l-istess materjal fl-istess trieq f'reċipjenti mhux mgħottija, u b'daqshekk l-istess materjal u ilma seta' jaqa' u jixxerred għal fuq it-trieq; barra minn dan, iddepożita l-istess matul Qawra Road mingħajr il-permess meħtieġ minn għand l-awtoritajiet kompetenti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Diċembru 1959, li biha kkundannatu ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtu tmien tijiem żmien biex juniforma ruħu mall-liġi, taħt penali ta' 2s.6d. għal kull ġurnata nuqqas;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija limitatament għal dik il-parti tagħha li biha nstab ħati talli ddepożita l-materjal matul Qawra Road mingħajr il-permess meħtieġ minn għand l-awtoritajiet kompetenti, billi jiġi liberat minn din l-imputazzjoni, u kon-

segwentement mill-obligu lilu mpost mill-Ewwel Qorti li jneħħi l-istess materjal fi żmien tmien tijiem taħt penali;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Deher mill-provi li l-imputat iddepożita l-materjal fil-lok "de quo" bħala impjegat ta' Bezzina, il-kuntrattur, fuq istruzzjonijiet tiegħu u b'indikazzjoni speċifika tal-post;

Iċ-ċirkustanzi emersi mill-provi juru li l-imputat kellu raġunijiet jaħseb li għall-post indikat Bezzina kellu l-permess meħtieġ, u barra minn dan xejn ma kien hemm li seta' jagħti jaħseb b'xi mod lill-imputat li l-ordni ta' Bezzina kien illegali;

Favur l-imputat hemm, għalhekk, żewġ riflessi, anki kieku, għall-grazzja tal-argument, jiġi ritenut (dak li hu kwistjonabbli, għaliex bejn Bezzina, il-kuntrattur, u l-perit distrettwali Falzon seta' kien hemm, kif talvolta jittrapela mill-provi, ekwivoku) li Bezzina ma kellux permess għal dik il-lokalità, fejn inxteħet il-materjal; u dawn iż-żewġ riflessi huma:—

1. Dak li jirradika ruħu fuq "mistake of fact". Ġie ritenut illi żball ta' fatt hu difiża tajba "where the accused acted under an honest and reasonable belief in the existence of a state of things which would have justified or excused his act" (Harris & Wilshere, Crim. Law, p. 27). Ara wkoll Appell Kriminali "Pulizija vs. Simiana" 8 ta' Jannar 1936. F'dan il-każ, il-Qorti ma tħossx ebda dubju li l-provi juru li l-imputat ħaseb in bwona fede li l-post lilu ndikat minn Bezzina għad-depożitu tal-materjal kien permess mill-awtorità lill-padrun tiegħu Bezzina;

2. L-imputat kien qed jaġixxi in ubbidjenza tal-ordni ta' Bezzina. Issa, per regola (salv il-każ ta' koazzjoni), jekk l-impjegat jaġixxi in ubbidjenza ta' ordni tas-superjur, dan is-sempliċi fatt ma hux fih innifsu skriminanti. Imma jekk l-ordni ma jkunx manifestament illegali, allura l-eżistenza tiegħu tista' teskludi l-"mens rea" (loc. ċit. p.

24). Ara wkoll Carrara, Progr. Parte Generale, Vol. I, para. 316 u Nota (1) in kalċe. Issa, fil-fattispeċje, l-ordni ta' Bezzina ma kienx affattu manifestament illegali; għaliex anzi l-imputat kellu raġuni jaħseb li kien post bħal l-oħrajn li jingħata permess għalihom, u li Bezzina kellu dan il-permess;

Taħt dawn il-kontinġenzi, l-appell jirnexxi;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell kif limitat, u "pro tanto" tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara l-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni appellata, u kwindi eżenti mill-piena nflitta għaliha u mill-ordni tat-rimozzjoni taħt penali.